



Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. en, bg)

10743/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0203(COD)

ENER 343
ENV 679
TRANS 454
ECOFIN 682
RECH 415
CLIMA 328
IND 264
COMPET 551
CONSOM 172
CODEC 1036
IA 110

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	10745/21 + REV 2 + ADD 1 + ADD 1 REV 1
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni) - Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża fl-Anness id-dikjarazzjoni mill-Bulgarija, fir-rigward tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill għar-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (riformulazzjoni) kif tinsab fid-dokument ST 10697/22 u diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija li saret fis-27 ta' Ġunju 2022.

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA
dwar il-verżjoni bl-Ingliż tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-
Effiċjenza Enerġetika (riformulazzjoni)

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa, u ser jibqa', iddedikat għall-impenji tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' ġeneru li huma inkompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni, jista', fil-kuntest tal-qafas tal-ordni legali nazzjonali, jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu (irġiel u nisa).

Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni ta' approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, iżda fir-rigward tal-użu simultanju tat-termini "sess" u "ġeneru" fil-premessa 99, tiddikjara f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, li hija ma taċċetta l-ebda **differenzjazzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali.**
